VALLETTA
Città Umilissima

KUNSILL LOKALI VALLETTA | VALLETTA LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Is-Sebgħa Kunsill - SEDUTA Nru. 03

Tnejn, 6 ta Mejju, 2013, fil-7.00 p.m

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu, 31 Triq Nofsinhar,

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli ppresida.

**PREZENTI**

Kienu prezenti l-Kunsillieri Dr Alexiei Dingli, Christian Darren Micallef, Dr Normal Shaw, Raymond Azzopardi, Raymond Attard, Vincent Fabri u Vincent Farrugia.

**TALBA**

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli qal it-talba.

Il-minuti tas-Seduta Nru. 2 li saret nhar It-Tlieta, 9 t'April, 2013, fil-19.00hrs kienu ikkonfermati.

## 1. ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

1.1 Is-Sindku nforma li nhar il-Ġimgħa 3 ta' Mejju 2013 il-Kunsill kellu seduta quddiem l-bord ta' l appel dwar it-tender tal- ġbir ta' l-iskart residenzjali. Is-Sindku nforma li il-Kunsill qed jistenna direzzjoni min għand bord. Il-Kunsill qabel dwar dan.

## 2. KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

2.1 Is-Sindku nforma li wara li saru diversi laqgħat mar-rappreżentanti tal-baned xorta ma ntaħaqx ftehim minħabba li il-Baned qed jitolbu ammont aktar mis-soltu għas-servizz. Is-Sindku sejjaħ lit-Town Centre Manager- Matthew Carbonaro biex jispjega. Sar qbil li kull banda għanda tieħu €1,200.00. Kull banda rispettiva ddoqq jew bil-youth band jew bil brass band. Il-Kunċert issir Misraħ l-Assedju. Il-Kunsill qabel dwar dan.

2.2 Il-Minority Leader Dr Norman Shaw nforma li tajjeb li l-Kunsill isaqsi għal lista ta' propjeta' vakanti ġewwa l-Belt Valletta biex għalhekk tinstab propjeta' li tistaħ tintuża għal day centre għal anzjani. Il-Kunsill qabel dwar dan.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand Martin Baron, dwar il-Fireworks Festival fil-Belt. Il-Kunsill qabel li ma jista jagħmel xejn dwar dan il-kas peress li din mhux attivita tal-Kunsill pero għadda l-ittra lill-Ministru konċernat.

3.2 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand il-Kap ta' L-Iskola ta' Sant'Iermu biex bħal snin preċedenti il-Kunsill jħallas għal kotba tal-Prize Day ta' l-Iskola. Il-Kunsill qabel dwar dan.

3.3 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand id-dipartiment tal-Kunsill Lokali li wara li tlesta x-xogħolijiet li kienu marbuta ma' l-iskema ta' aċċessibilita' il-Kunsill ingħata l-allokazzjoni mwedgħa.

Is-Seduta ġiet sospiza biex saret presentation min Karsten Xuereb rappreżentant tal-V18

**TMIEM**

Fil-20.30hrs intemmet is-Seduta w giet aggornata għat-Tnejn 5 ta' Ġunju 2013.

Il-Kunsill ġie nfurmat li nhar it-Tnejn 20 ta' Mejju 2013 fis-7pm il-Kunsill ser ikollu tour mas-Saluting Battery min Mario Farugia min fondazzjoni Wirt Artna.

Gabriella Agius
Segretarja Eżekuttiva

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku